# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


**Minuti tal-laqgħa Nru : 31 li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar It-Tlieta 23 ta' Marzu 2015 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Lawrence Ciantar |
| Skużat | Is-Sur David Massa (Ambaxxatru Kunsill taż-Żagħżagħ)<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

## ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 30.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tar- Rapport ta' kull kwart Ottubru – Diċembru 2014
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree' Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 30(1) tal-19 ta' Frar 2015:**

*Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.*

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ġibed l-attenzjoni fuq paġna 3 punt #2.1.5 il-ħdax-il paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

"Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb illi l-Kunsill għandu jibda jiltaqa min qabel u wara issir brain storming fuq l-attivitajiet illi jkunu ser isiru."

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi paġna 5 artiklu 2.1.9 fir-raba' paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

"Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li l-ewwel naraw jekk dan l-istair lift huwiex magħmul għal elementi ta' barra".

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi paġna 5 artiklu 5.0 fis-seba paragrafu kien hemm korezzjoni fil-kelma "biżżejjed".

1.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi paġna 6 artiklu 3.1 fl-erbgħatax-il paragrafu kien hemm korezzjoni fil-kelma "riżultati".

1.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 8 artiklu 3.4 għandha tinbidel u ssir:

"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi la darba l-MTA iridu li titneħħa l-qabża mil-fajtata għandhom ikunu huma li jifinanzjawa l-ispringboard."

1.1.7 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard ġibdet l-attenzjoni illi paġna 8 artiklu 3.4 it-tnax-il paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

"Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri u l-Viċi Sindku qalu illi għalkemm kontra qalbu li titneħħa l-fajtata hu jaqbel illi l-bajja eventwalment ikollha status ta' blue flag."

1.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 8 artiklu 3.4 l-aħħar paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

"Kien hemm qbil unanimu la ma stajniex nagħmlu mod ieħor."

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u s-Sur Charlot Mifsud ssekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 30(1) tad-19 ta' Frar 2015:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 10 artiklu 3.6 jekk ħarġux il-Bills of Quantity bir-rati tad-dwal li ġew sottomessi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ir-rati diġa ħarġu u rajnijhom fil-laqgħa preċedenti, pero kellha ssir laqgħa fejn kellhom jaraw jekk it-tender huwiex compliant u wara ssir aġġudikazzjoni min naħa tal-kumitat konġunt fejn il-Kunsillier John B Camilleri se jkun qed jirrapreżenta lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Charlot Mifsud qal illi min naħa tagħna approvajna ir-rati qabel ma t-tender ġie aġġudikat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi apparti il-fatt illi kien hemm biss kuntrattur wieħed ma kienx hemm raġuni għalxiex ma napprovawx għaliex ir-rati kienu viċin ħafna tar-rati li kellna qabel u huwa kellu bżonn deċiżjoni mill-Kunsill qabel ma jkun jista jattendi għal laqgħa tal-kumitat konġunt.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward paġna 3 artiklu 2.1.5 jekk għandniex l-istima finali ta kemm ser tiġi tiswa l-pageant peress li l-attivita` waslet u l-Kunsill għadu ma jafx kemm ser tkun l-ispiża attwali u min huma l-kuntratturi li ser jkunu qed jagħtu servizz.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi l-Kunsill għad m'għandux l-ispiża attwali u talab lill-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar li tagħmel parti mis-sotto kumitat tal-attivitajiet sabiex tibgħatilna d-dokumenti neċessarji kemm jista jkun malajr.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-affarijiet kollha tal-attivitajiet għandhom jgħaddu l-ewwel quddiem il-Kunsill u tittieħed deċiżjoni u mhux kif qed isir fil-preżent li d-deċiżjoni jeħoda s-Sotto kumitat u wara tiġi quddiem il-Kunsill. Apparti minn hekk hemm il-fatt li qed tiġi miksura l-liġi finanzjarja tal-Kunsill għaliex l-kont ma jistgħax jiġi mħallas b'direct order.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu kien kellem lis-Sur Alfred Debono fejn qallu illi l-ammont globali ma jistax jiġi ppreżentat fuq invoice waħda izda trid tkun maqsuma u b'hekk il-Kunsill ma jkunx qed jikser liġijiet finanzjarji.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet jekk diġa nħareġ il-pagament.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qalilha illi l-pagament dejjem isir wara.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6.07pm***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jrid illi jkun hemm kollox dettaljat qabel l-attivita' bl-isem tal-kuntrattur etc.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din kienet l-ewwel darba li m'għandniex budget għax bħal ma jafu l-Kunsilliera fis-snin preċedenti dejjem ġie ippreżentat budget quddiem il-Kunsill, kompla jgħid illi tajjeb jinħatar persuna oħra flimkien mas-Sur Alfred Debono sabiex ikun jistgħa jsir budget bħal ma kien isir qabel minħabba li s-Sur Debono kien għadu qed jirkupa.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 artiklu 2.1.1 jekk tkellimnix mal-Kappillan sabiex nistaqsuh jekk ikunx jista jsir ftehim li l-magazin tal-Kunsill jibda jiġi mqassam mal-fuljett flimkien.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi japprezza jekk ikellmu hu stess.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal rigward paġna 5 artiklu 5.0 is-seba paragrafu u qal illi aħna qed nikkonfermaw li hemm €38,000 actual deficit u staqsa jekk hux kontra l-liġi li naħdmu b'deficit.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nistgħu nkunu b'deficit għaliex bħala cash il-Kunsill qiegħed fi stat tajjeb u allura qed juża mil-ammont ta' flus li l-Kunsill għandu mġemgħin.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Casar qal li la darba jinbena l-Kunsill u jkunu intefqu ir-riżorsi, se jnaqqas aktar mill-ppjanijiet u l-proġetti li jista jkollna pjanati u għaldaqstant ser ikollna inqas fondi biex nagħmlu ċertu xogħlijiet.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ġejna b'deficit għas-sena 2014 għaliex il-Kunsill approva waqt seduta fis-sena 2014 illi jagħmel xogħol ta' asfalt fi Triq iz-Zonqor,Triq Pjazza Dun Tarċiż u Triq il-Gross u bosta toroq oħra. Kompla jgħid illi l-ewwel irridu nikkonfermaw illi l-iskema li rbaħna tal-proġetti kapitali hija dik ta' €150,000 mqassma fuq tlett snin. Apparti minn hekk irid isir business plan li jrid ikun fuq erba snin. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jgħid illi dawk il-flus ma jkunux bizzejjed allura hemm il-ħsieb li jittieħed loan ta' mhux aktar minn €120,000 li irid jitħallas sa sitt snin sabiex ma jkollnix għalfejn nidħlu f'referendum.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb li nżommu f'moħħna illi l-impatt fuq ir-riserva tal-Kunsill ser tonqos u tajjeb li nkunu konxji illi ħafna xogħolijiet mhux ser ikunu ta' dan il-proġett jistgħu jsiru.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan diġa kien qalu quddiem il-Kunsill illi xogħolijiet ta' bankini u xogħolijiet oħra flimkien ma attivitajiet iridu jiġu quddiem il-Kunsill u niddeċiedu liema xogħolijiet ikunu jistgħu jsiru.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 5 artiklu 2.1.9 f'liema naħa ser isir l-istair lift.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bħal ma diġa qal fil-laqgħa preċedenti l-istair lift ma jistax isir *fuq in-naħa tar-ristorant imma fuq in-naħa li jagħti aċċess għal-pubbliku minħabba li se* jintużaw fondi tal-UIF.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 8 artiklu 3.4 qal illi peress li ix-xogħol fuq il-Fajtata ser jibda min għada jekk bħala Kunsill għandniex xi timeframe jew work plan għaliex ma jixtieqx li x-xogħol jibqa sejjer sas-sajf u l-bajja ma tkunx tista tintuża.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'għandna l-ebda informazzjoni dwar time frame jew deadlines.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar informa lill Kunsill illi illum attenda għal laqgħa tat-Tourism Zones Development fejn hu avviċina lis-Sinjura Gail u kellimha dwar il-fatt illi ħarġu tender min naħa tagħhom sabiex isir floating dock ġewwa l-Fajtata mingħajr l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill. Hu qal illi is-Sinjura Gail għandha tikkomunika mal-Kunsill sabiex issir laqgħa fuq dan is-suġġett.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi lanqas issottomettew applikazzjoni mal-MEPA.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk bħala Kunsill nistgħux noġezzjonaw.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din ma kienitx applikazzjoni iżda tender u allura ma nistgħux noġezzjonaw.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li tajjeb li għada l-ewwel ħaġa nkellmu lill-Ministru ikkonċernat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu għandna nkellmu lill-MEPA u ngħidulhom li l-Kunsill sar jaf b'dan il-floating dock mingħajr ma ġejna ikkonsultati.

Il-Viċi Sindku Desiree` Attard qalet illi fl-opinjoni tagħha tajjeb li nkellmu lis-Sinjura Gail qabel ma nkellmu *lill-MEPA* sabiex inkunu nafu *l-fatti* sew.

Sar qbil unanimu illi nkellmu lill-Ministru tat-turiżmu kif ukoll lil Gail u l-MEPA dwar din il-floating dock.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 8 artiklu 3.5 jekk min naħa tagħna għamilniex l-oġezzjoni mal-MEPA u jekk kienx hemm xi feedback min naħa tal-persuna li tefat l-applikazzjoni.

*Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi min naħa tagħna bagħtna l-oġġezzjoni izda ma kien hemm l-ebda* feedback.

2.1.9 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet rigward paġna 7 artiklu 3.2 jekk kienx hemm xi żvilupp fil-każ tas-Sinjura Evelyn Scicluna li kienet qed tfittex lill-Kunsill għad-danni.

Segretarju Ezekuttiv irrisponda illi dan il-kaz m'għadux fidejn l-avukata tagħna iżda fidejn l-Laferla Insurance u malli l-Avukata tal-insurance jkollha risposta tinfurmana.

2.1.10 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 10 artiklu 3.7 u qal illi fl-aħħar laqgħa kien informa lill-Kunsill illi s'issa twaħħlu erba lampi ornamentali u xtaq jara jekk il-Kunsill kellux xi feedback fuqhom, għaliex din hija l-ewwel fazi u la darba l-Kunsill jaqbel nistgħu nibdew nġibu stima ta' kull triq fejn tkellimna li jridu jsiru dawn id-dwal ornamentali u nbiddluhom ftit ftit. Kompla jgħid illi id-dwal ta' Triq San Ġwakkin qiegħed fi stat ħazin ħafna u jinsab kollu msaddad u qal illi din kienet prova u min naħa tiegħu kellu feedback tajjeb ħafna.

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jisuġerixxi li ssir anke Triq Sant'Anna.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dik hija waħda mit-toroq antiki li hemm bżonn li jinbiddel id-dawl tagħha. Il-prezz huwa skond dak li hemm stipolat fit-tender u m'hemmx tibdil sostanzjali kemm il-darba jidħol fis-seħħ it-tender il-ġdid.

Sar qbil unanimu dwar dan.

2.1.11 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 11 artiklu 8.0 u qal illi xtaq risposta għaliex l-aħħar li tkellem rigward id-dwal tal-palm, is-Segretarju Ezekuttiv informah illi irridu li jkollna Perit disponibli sabiex nkunu nistgħu nmexxu bix-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadna fuq appell tat-tender tal-Perit allura għad għandna l-istess problema.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet meta ser jinqata dan l-appell.

*Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi f'April ser jinstema l-appell.*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk nistgħux nużaw Perit ieħor għalissa u jitħallas b'direct payment.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-preżent qed isir xogħol mal-Perit li kellna pero ħabba raġunijiet personali tiegħu ma jistgħax jagħmel aktar milli qed jagħmel fuq applikazzjoni tal-Kunsill.

3.0 **_Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:_**

3.1 **Biex il-Kunsill japprova xogħol ta' konkos estensiv fiż-zona tal-Bidni:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-problema hija l-finanzi għaliex biex isiru t-toroq kollha tinvolvi ħafna flus. Kompla jgħid illi l-proġett tal-EU li għaddej bħalissa se jiġi jiswa €35,000 u pero ser nieħdu €15,000 min naħa tal-fondi tal-EU Miżura 413.A5.

Residenti mill-Bidni kienu preżenti għal laqgħa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet x'jista jsir rigward il-Bidni.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi biex jitkellem fuq il-Bidni irid jitkellem l-ewwel fuq triq tal-Gardiel fejn hemm żewġ metodi ta' kif din tista issir, jew isir scarifying u jingħata it-tarmac fuqha fejn tiġi tiswa madwar €30,000 jew inkella issir bħal ma saret Triq La Sengle u għalhekk biex issir sew tiġi tiswa madwar €70,000.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb isiru l-costings min naħa tal-Perit. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-costings kiemnu diġa saru minħabba li Triq tal-Gardiel kellha issir qabel Triq La Sengle.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri b'referenza għat-toroq fil-Bidni qal illi ilu għaxar snin jiddiskuti sabiex dawn it-toroq ikunu jistgħu isiru pero kemm-il darba jkun hemm triq li ma ġiet qatt mgħotija l-ebda tarmac din għada taqa taħt ir-responsabilita' tal-Gvern u għalhekk aħna bħala Kunsill għandna nagħmlu pressjoni mall-Gvern sabiex issir min naħa tiegħu u m'għandniex nerfgħu r-responsabilita' tagħha aħna bħala Kunsill.

f'ħaż estrem li m'għandniex fondi

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi nistgħu inwittuha ftit u nagħtu ftit konkos fuqha biex nkunu qed nsolvu problema kbira li qed jaffaċċjaw ir-residenti ta' din it-triq sakemm mbagħad wara jsirilha l-asphalt.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fit-2012 kellna stimi tal-Perit fejn zone C li saret issa dak iz-zmien kienet stimata li tiġi tiswa €14,000 biex issir bic-cement biss, kompla jgħid illi l-Perit kien qasamhom f'żoni u kien pjanat illi l-ewwel issir il-parti tan-nofs iġifieri min ħdejn it-Triq l-antika sa Triq iż-Żafran biex b'hekk ikun hemm l-ewwel parti lesta mbagħad nibdew diħlin fl-isqaqin.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-importanti li naraw li t-triq tkun teqleb tajjeb.

Is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mall-Kunsilliera ddiskutew jekk ikomplux mill-Kappella sa Triq iż-Żafran jew inkella isiru l-isqaqin li jinsabu mal-ġnub tal-imsemmija triq.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet x'deiċiżjoni ser tittieħed.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss li l-mainroad għandha tkun responsabilita' tagħna la darba għamilnilha it-tarmac pero l-isqaqin li qatt ma tmissu mhumiex responsabilita tagħna iżda tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk jaqblux fil-prinċipju illi t-triq prinċipali issir min naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera s-Sur Charlot Mifsud u s-Sur Charlot Cassar qalu li jaqblu pero` tajjeb li nġibu rispett lir-residenti ta' din it-triq u nipprovaw nsolvulhom il-problema.

Il-Viċi Sindku Desiree` Attard qalet illi ma jistgħux isiru l-isqaqin qabel ma ssir it-triq prinċipali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk ser nitfgħu l-konkos irridu l-ewwel navżaw lis-Supretendent, għaliex hemm l-approvazzjoni tal-arkeoloġista sabiex naċċertaw li ma hemmx xi fdalijiet storiċi.

Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lis-Supretendent u ssir mill-Kapella fi Triq il-Bidni sa Triq iż-Żafran bil-konkos u t-tarmac u li nġibu stima biex ix-xogħol isir bil-kuntrattur tal-Kunsill.

3.2 **<u>Il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jirbaħ l-ammont ta' €50,000 għas-sena 2015 għal bini taċ-Ċentru Ċiviku (35/1145/15/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irbaħna l-ammont ta' €50,000 għal bini tal-Kunsill, pero għad irridu nikkonfermaw jekk irbaħniex l-ammont sħiħ li jammonta għal €150,000 fuq tlett snin biex b'hekk wara jkun jista jsir business plan.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu attenda għal din il-laqgħa fejn ingħataw il-flus u wara kellem lis-Segretarju Parlamentari sabiex jistaqsi jekk aħniex ser nieħdu l-ammont sħiħ tal- €150,000 pero baqa mingħajr risposta.

3.3 **<u>Proposta ta' kuntrattur privat li jġib sponsors għall-attivitajiet filwaqt li tieħu commission minn fuq l-ammont li jinġabar:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-persuna avviċina lis-Sur Alfred Debono fejn dan joffri is-servizz illi jsib l-isponsors għall-attivitajiet li jkun ser ikollna u hu jieħu 15% bħala commission għax xogħol li jkun għamel. Kompla jgħid illi ma jafx ezatt kif taħdem il-proċedura jekk hux dan il-persuna jieħu l-persentaġġ mill-ammont ta' sponsors li jkun ġabar, jew inkella irid jinħareġ xi cheque min naħa tal-Kunsill bħala pagament għal commission ta' dan il-persuna

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk ser naċettaw li jkollna dan it-tip ta persuna sabiex tiġbor l-isponsor għandna l-ewwel noħorġu expression of interest għal min hu interessat u mhux naqbdu u nagħzlu lil din il-persuna.

*Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet jekk il-Kunsill għandux bżonn dan is-servizz.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi meta ġieli jara l-isponsors ta' Kunsilli oħra għal attivitajiet ikunu entitajiet kbar li jkunu qed jgħatu għajnuna tajba ħafna sabiex titella attivita aqwa u jħoss illi f'Marasaskala l-attivita tal-Arti bil-beraħ għanda potenzjal tajjeb ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb kieku niċċekjaw ma' Kunsilli oħra li ħarġu din l-expression of interest u naraw tapplikax għalina u nkunu nistgħu nutilizzaw lilha.

Sar qbil unanimu illi s-Segretarju Eżekuttiv jistaqsi għal expression of interest lill-Kunsilli oħra u jinbeda ix-xogħol fuqha.

3.4 **<u>Il-minuti tal-laqgħa annwali li saret ġewwa l-Wasteserv nhar il-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2015</u>**.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn huma l-minuti tal-laqgħa pubblika illi saret fis-6 ta' Marzu 2015 għall attenzjoni tal-Kunsilliera.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li xtaq jirrimarka fuq kumment li sar mir-resident is-Sur Joe Magri li huwa membru fil-bord tal-attivitajiet fejn qal illi l-Kunsilliera ma jattendux biżżejjed għal attivitajiet u jħossu urtat għaliex is-Sur Magri għandu jkun jaf kemm isir xogħol ieħor min naħa tal-Kunsilliera fejn jidħlu eżempju preparamenti tat-tenders u xogħol ieħor. Il-Kunsillier Is-Sur Lawrence Ciantar kompla jgħid illi jsir ħafna aktar xogħol milli sempliċiment attendenza għal attivitajiet.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi hi taqbel perfettament mal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u ma tixtieq iżżid xejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi iddispjaċih li kellu jitlaq mil-laqgħa pero kien imdejjaq fuq il-fatt illi r-rapport li ġie mitlub min naħa tal-Kunsilliera ma kellux biżżejjed żmien sakemm setgħu jlestuh anke jekk kien fadal tlett ġimgħat għal laqgħa pubblika.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li min naħa tal-amministrazzjoni bagħtna reminder darbtejn u dan wara li kien sar ħafna xogħol sabiex kollox ikun preparat għal laqgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi r-rapport tal-Kunsilliera inqara ta' fuq fuq u mhux kif kien miktub min naħa tagħhom u dan ma ħasx li hu ġust anke ħabba l-fatt li ħadlu l-ħin sabiex setgħa jiktbu u xtaq li jinqara kif kien imniżżel, kompla jgħid illi ma tantx kien hemm konkorrenza għal laqgħa u jħoss illi jista jkun li maħniex niġbdu daqshekk ir-residenti.

➢ ***Is-Sindku s-Sur Mario Calleja daħal għal laqgħa fis-7.52pm***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi aħna bħala Kunsill ikollna ħafna aktar konkorrenza minn Kunsilli Lokali oħra u s-Sindku waqt il-laqgħa annwali ta' ċans lil kull Kunsillier biex jitkellem.

3.5 **Talba għal kumpens mingħand is-Sinjura Sharon Camilleri minħabba ħofra li kien hemm fi Triq Sant'Anna (35/1105/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-rapport huwa ta' Jannar 2014.

Is-Sindku qal illi l-ħofra ma tidirx li hija fonda li tista takkawza dawk il-ħsarat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istima hija datata 6 ta' Ottubru 2014 u l-irċevuta hija datata 10 ta' Marzu 2015.

Sar qbil unanimu illi ma jingħatax kumpens u ninfurmaw lis-Sinjura Camilleri illi dan minħabba li l-irċevuti u l-istimi ġew sena tard u peress li d-dokumenti provduti mhumiex ta' evidenza biżżejjed illi juru li dan il-każ huwa ġenwin.

3.6 **Direttiva mil-Bord tal-Governanza dwar klejms (35/1021/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irċivejna din il-korrispondenza mingħand il-bord ta' Governanza Lokali fejn hemm imniżżel direttivi ta' kif għandna nimxu fuq kazi ta' ħsarat ta' vetturi fit-*toroq tagħna.*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi f'din il-korrispondenza hawn imniżżel illi l-Kunsill jerfa r-responsabilita' li t-toroq jinżammu fi stat tajjeb.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet li hawn imniżżel anke li l-ammont ta' ħlas għandu jkun sħiħ u mhux bħal ma nagħmlu aħna fejn ngħatu 70% tal-ammont totali.

Is-Sindku qal illi l-valur jinżel minħabba l-wear and tear tal-oġġett għalhekk xorta m'għandux jingħata l-ammont sħiħ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel mal-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar fejn hemm mniżżel li t-toroq iridu jkunu fi stat tajjeb għaliex kulħadd konxju illi għandna toroq li mhumiex fi stat tajjeb u ma nistgħux nagħmluhom kollha minħabba li biex tirranġa t-toroq kollha għandek bonn ħafna flus.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kompla jgħid illi parti min Triq il-Batterija kien qiegħed iżomm l-ilma li biż-żmien sfrundat it-triq u għandha tittranġa.

Is-Sindku qal illi dawn l-inċidenti dejjem isiru wara li tkun saret xi maltempata għaliex ikun hemm il-ħofor li ma jkunu viżibbli.

Is-Sindku qal illi avviċinaħ resident fejn ilmenta kif il-ħaddiema tal-W.S.C qed ikissru t-toroq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi anke lilu avviċinah xi ħadd fejn anke qallu li qed jiġu mkissra toroq fejn ma jkun hemm l-ebda ħsara fihom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi aħna xtrajna asphalt li jkun bil-hardner miegħu fejn dan hu idejali għax-xogħolijiet tal-W.S.C. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kien bagħat jinforma lill-W.S.C biex jibdew juawh fil-lokalita` ta' Marsaskala iżda baqa bla risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb naraw fejn hemm bżonn ta' major patching u nagħmluh.

Sar qbil unanimu illi nibqgħu naħdmu bl-istess mod illi jekk jidher li l-każ ikun ġenwin u l-Kunsill għandu il-ħtija jingħata kumpens ta 70% fuq l-ammont sħiħ.

3.7 **Kuntrattur tal-qtugħ ta' ħaxix:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ħarġet works order lis-Sur Saviour Mifsud il-kuntrattur tal-qtugħ ta' ħaxix u għadha ma saritx, kompla jgħid illi għandhom jinħarġu d-default notices.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi illum stess kelmu fuq ix-xogħolijiet li hemm pendenti.

3.8 **Talba għal kumpens mingħand is-Sinjura Grima minħabba li waqgħet fi Triq tal-Gardiel waqt li kienet mixja fuq il-bankina (35/1045/15/I):**

Is-Sindku qal is-Sinjura Grima qed titlob kumpens għaliex waqgħet fil-bankina ta Triq tal-Gardiel minħabba ħsarat kaġunati mill-għeruq tas-siġar.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet jekk għandniex indaħħlu l-insurance f'dan il-każ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dan huwiex il-full and final settlement għaliex din il-mara jidher li għadha b'idejha miksura u hi qed titlob kumpens minħabba li qed iġġib persuna li tgħina fit-tindif tad-dar.

Is-Sindku qal illi tajjeb inkellmuha u nilħqu qbil fuq ċifra totali għaliex il-bankina vera ma kinitx fi stat tajjeb għaliex hu kien ilu 6 xhur li niżżila fix-xogħolijiet li kellhom isiru.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lis-Sinjura Grima l-irċevuti fiskali ta' l-ammont li qed titlob u la darba din tippreżenthom lill-Kunsill għandha tieħu nofs l-ammont illi talbet iġifieri €200.00.

3.9 **Culvert fi Triq tal-Gardiel:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi irridu nieħdu deċizzjoni rigward il-culvert fi Triq tal-Gardiel in-naħa tal-Magħluq għaliex qiegħed ta' periklu u jissuġerixxi illi issirlu gradilja.

Is-Sindku qal illi irridu noqgħodu attenti għaliex jekk tagħlqu hemm ċans illi jegħreq kullimkien, għalhekk din hija biċċa xogħol li għandha issir min naħa tal-istorm water culverts fejn ngħidulhom li qiegħed ta' periklu kif ukoll li l-ilma tax-xita niżel kollu ġol magħluq.

Sar qbil unanimu dwar dan.

3.10 **Proċess tal-appell fil-kaz tat-tender KLM 2014/05- Professional service of an architect:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif hemm appell rigward t-tender KLM 2014/05 illi ser jinstema f'April.

3.11 **Problema bil-qlib tal-ilma tax-xita fi Triq il-Friefet:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi irċivejna korrispondenza mingħand residenta fi Triq il-Friefet flimkien ma ritratti li juru li din it-triq qed iżżomm ħafna ilma.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm soluzzjoni għal din il-problema fejn in-naħa t'isfel tat-triq isirilha culvert sabiex l-ilma tax-xita jibqa nieżel għal Triq il-Qastan mingħajr ma jkun hemm għalfejn tinqala t-triq.

Is-Sindku qal illi tajjeb li dan ix-xogħol ngħadduh lill Kuntrattur li ser ikun magħzul.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12 **Talba għal bankina ġdida fi Triq Wied iz-Ziju (35/0863/15/I):**

Is-Sindku qal illi saret talba min Triq Wied iz-Ziju sabiex issir bankina ġdida.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jidher fl-ittra li Transport Malta għandhom żball għaliex din it-triq qatt ma saret min naħa tagħna allura ir-responsabbilita' ta din it-triq hija *f'idejhom u mhux f'idejn il-Kunsill.*

Sar qbil unanimu illi niktbu lic-Charmain tat-Transport Malta is-Sur Piscopo u nikkupjaw lis-Sinjura Abela.

3.13 **Korrispondenza mingħand Radju Hompesch (35/1159/15/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċivejna korrispondenza mingħand id-diretturi ta' Radju Hompesch fejn qed juru ix-xewqa li l-programm Viċin il-komunita Skalina jerġgħa jibda jixxandar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi min naħa tiegħu qatt ma rnexxielu jaqbad dan l-istazzjon minn Marsaskala.

Sar qbil unanimu illi filwaqt li nirringrazzjaw lid-direttur , ninfurmawhom illi m'aħniex interessati.

3.14 **Biex jinħoloq bord ta' aġġudikazzjoni għat-tender tal-bankini:**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi infetħu t-tenders għal bankini u hemm bżonn illi jinħatar bord sabiex jiġu aġġudikati l-offerti mitfugħa u staqsa min jixtieq ikun parti minn dan il-bord wara li l-Perit ikun għamel l-analizi tiegħu.

Sar qbil unanimu illi l-membri tal-bord tal-aġġudikazzjoni għat-tender tal-bankini ser ikunu s-Sindku ,il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

3.15 **Rigward ħlasijiet dwar il-proġett tal-EU miżura 413.A5 fil-Bidni:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għada ser ikun qed isir ix-xogħol tat-tarmac tal-Bidni u ser jiġu biex min naħa tas-Solid Base Malta sabiex jieħdu sampling tat-tarmac, kompla jgħid illi wara li l-Perit ikun iċertifika l-pagament, ser ikun qed joħroġ il-pagament minnufiħ sabiex ikun jista jitfa il-claim biex nieħdu lura il- €15,000 skond il-Grant Agreement. Dan peress li mhux ser ikun hemm ċans li nistennew sas-seduta tal-Kunsill li jmiss.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet fuq pagament numru #2322 tas-Sur Ronald Debono.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi dak il-kont huwa il-varjazzjoni fil-prezz tal-fuel, skond kif hemm mniel fil-kuntratt.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq pagamenti numru #2363,2364,2365 ta' Toni's Wines & Spirits jekk humiex kontijiet tal-bibita' li għaddiet.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawk huma pagamenti tal-laqgħa pubblika li għaddiet u mhux tal-Bibita'.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagament numru #2370 tas-Solid Base Laboratory Ltd.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dak huwa pagament tas-sampling tat-tarmac li ħadu min Triq La Sengle.

4.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagamenti #2315,2316 u qal illi peress li jidher li dawn il-pagamenti imorru lura għas-sena 2013 jekk ġewx ivverifikati li vera l-pagament ma tħallasx u għaliex waslu daqshekk tard.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu li dawn il-pagamenti ġew ivverifikati u jidher li vera ma kinux imħallsa u tħallsu tard għaliex jidher li l-invoices min naħa tal-kuntratturi intbagħtu tard.

4.5 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet fuq pagament #2369 tas-Sur Keith Abela, liema hu l-filming li qed nħallsu għalih.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dak huwa pagament tal-filming u ritratti li jkunu ittieħdu matul is-sena fl-attivitajiet ġewwa Marsaskala is-sena l-oħra pero l-invoice irċivejnija tard.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa min qed jgħati l-go ahead lis-Sur Abela biex dejjem jieħu l-videos u r-ritratti hu.

Is-Sindku qal illi din diġa ġiet diskuss f'xi laqgħa oħra illi s-Sur Abela jkun qed jieħu vidoes u ritratti tal-attivitajiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-2011 din ġiet diskussa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet illi allura kienet fil-leġislatura li għaddiet u huma ma kienux jafu biha.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu din id-deċiżjoni għandha tittieħed kull sena.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-20.49pm***

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet li dawn il-filmati li qed jieħu m'huma jintuzaw imkien ħlief għal librerija tal-Kunsill, u tħoss illi ma hemmx bżonn jittieħdu filmati bħala rikordju iżda ritratti biss huma biżżejjed.

Is-Sindku qal illi dan huwa rikordju ta' kull attivita' sabieħa li ssir ġewwa Marsaskala u tajjeb li jkollna rikordju tagħha kemm fuq filmat u anke ritratti, kompla jgħid illi meta xi ħadd mill-Kunsill isiefer barra minn Malta dejjem jieħdu dawn il-filmati magħhom sabiex juru ix-xogħolijiet li jkunu saru f'Marsaskala. Kompla jgħid illi dan jirrikjedi ħafna xogħol u jekk dan ix-xogħol mhuwiex jiġi apprezzat jieħdu deċiżjoni li ma jsir xejn aktar u ma jkollna l-ebda tip ta rikordju tax-xogħlijiet sbieħ li jsiru f'Marsaskala.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet illi dawn għandhom almenu jidhru online.

Is-Sindku qal illi jaqbel u għalhekk tajjeb tieħu l-inizjattiva min naħa tagħha la darba ix-xogħol online tal-Kunsill huwa fir-responsabilita' tagħha u tibda tippublika dawn il-videos fuq is-siti soċjali.

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi għandha toħroġ kwotazzjoni kull sena u jintagħzel* l-aħjar, kompla jgħid li jħoss li huwa zbaljat li nirċievu kont daqshekk tard.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb nieħdu ħsieb niċċekjaw dawn il-pagamenti li jkunu ta' kontinwazzjoni.

Sar qbil unanimu illi tinħareġ kwotazzjoni għas-servizz ta' fotografu u filmati għal attivitajiet ta' Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament #2358 tad-Datatrak IT Services.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawk huma persentaġġ ta' flus li nkunu daħħalna miċ-ċitazzjonijiet dovuti lill-Kunsill li jgħaddu għand id-Datatrak It Services talli jkunu proċessaw l-informazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi kellna xi pagament illi daħal tard u ser jitressaq f'din is-seduta u jkun mniżżel fis-seduta li jmiss bħala ħlas b'urġenza:

1) Nexos Street Lighting bin-numru tal-invoice 1268 li jammonta għal €5024.97 rigward street lighting.

Il-Kunsill qabel unanimament rigward il-ħlas ta' dawn il-pagamenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista ta' eletronic equipment illi għandna ġol Kunsill illi m 'għadux jintuża sabiex wara l-accountant tkun tista tagħmel write off tal-apparat kollu.

Kien hemm qbil unanimu.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 **<u>Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart Ottubru – Diċembru 2014:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi ser jibdew jiġu ppreżentati ir-rapporti ta' kull kwart quddiem il-Kunsill għaliex din hija proċedura li trid issir, b'hekk preżenta ir-rapport ta' kull kwart bejn Ottubru u Diċembru 2014.

Il-Kunsill qabel unanimamet.

6.0 ***<u>Mistoqsijiet:</u>***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

7.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Charlot Cassar (#092 – 13/3/15):</u>**

"Jipproponi li tinħoloq funzjoni ġdida fis-sit elettroniku tal-Kunsill Lokali sabiex tingħata buttatura lill-promozzjoni tal-kummerċ fil-lokalità ta' Marsaskala. Din il-funzjoni għandha tiġbor fiha n-negozji kollha li għandna fil-lokalità tagħna billi tiġborhom settur b'settur u tipprovdi d-dettalji ta' kuntatt għall-kull negozju, inkluż il-*link* għas-sit elettroniku jew paġna ta' Facebook rispettivament. Bħala parti minn dan il-proġett, il-Kunsill għandu jimbarka fuq kampanja li tippromovi din l-inizjattiva innovattiva biex iżżid l-għarfien fost in-nies, kemm mil-lokal u anke minn lokalitajiet oħra. Il-Kunsill għandu jfittex wkoll il-possibbiltà li jibbenefika minn fondi Ewropej jew ċentrali biex jiffinanzja dan il-proġett."

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu flimkien mas-Sinjorina Desiree' Attard ser ikunu *qed jiġbru l-informazzjoni tal-ħwienet ġewwa Marsaskala flimkien mad-dettalji li hemm* bzonn sabiex jibdew jiġu mnizzla fis-sit elettroniku biex b'hekk nagħtu imbuttatura lill-ħwienet f'Marsaskala.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

7.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Charlot Cassar (#093 – 6/2/15):</u>**

"Jipproponi li jsir xogħol tal-irranġar ta' toroq u pajsaġġi fiż-żona tal-Bini. Dan ix-xogħol hu meħtieġ sabiex dawk kollha li jagħmlu użu minn dawn it-toroq u pajsaġġi fosthom il-bdiewa, ir-raħħala u r-residenti li jabitaw fl-inħawi jieqfu jagħmlu ħsara fil-vetturi tagħhom u wkoll sabiex nagħtu ħajja aħjar lil dawn iċ-ċittadini. Ix-xogħol li qed jiġi proponut li jsir jinkludi kisi tal-uċuħ ta' toroq bl-asfat u konkos, skont kif meħtieġ, kif ukoll irranġar ta' toqob u ħofor f'dawk it-toroq li diġà huma alsfaltati. Ma din il-mozzjoni qed jiġu presentati numru ta' ritratti li jagħtu stampa tas-sitwazzjoni ezistenti li jridu jħabtu wiċċhom magħha ta' kuljum in-nies li jgħixu fil-Bidni."

*Din il-kwistjoni diġa ġiet diskussa aktar kmieni fil-laqgħa.*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

7.3 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku- is-Sinjorina Desiree' Attard (#094 – 20/3/15):**

"Tipproponi li l-Kunsill jagħmel sondaġġ (survey) professjonali dwar kemm tinqara r-rivista li jippublika l-Kunsill, sabiex ikollna stampa ċara u realistika ta' kemm din ir-rivista tigi milqugħa tajjeb mir-residenti. Nistudjaw ukoll l-opzjoni li r-rivista tmur *online* permezz tal-mistoqsijiet li nsaqsuhom."

Il-Viċi Sindku Desiree' Attard spjegat kif hi tħoss li għandu jsir sondaġġ fil-Lokalita' ta' Marsaskala b'sett ta' domandi fejn nkunu nistgħu naraw kemm ir-residenti jaqraw ir-rivista, jekk humiex interessati li jaqrawa online kif ukoll mistoqsijiet oħra fejn ikunu jistgħu jgħinuna nifhmu x'jixtiequ l-aktar ir-residenti ta' Marsaskala, kompliet tgħid illi ser tipprepara sett ta' mistoqsijiet fejn ser tibgħathom il-Kunsill imbagħad jiġu mgħoddija lill-kumpanija li ser nagħzlu sabiex jagħmel dan is-sondaġġ.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

7.4 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja (#095 – 20/3/15):**

"Jipproponi sabiex il-Kunsill jiddiskuti u jsib soluzzjoni u jekk hemm bżonn nirrifjutaw is-servizzi tal-gwardjani lokali fil-lokal tagħna u x-xogħol tal-kontravenzjonijiet jieħdu ħsiebhom l-uffiċjali tal-Pulizija. Dan minħabba l-fatt illi bla dubju kulħadd jaf illi l-gwardjani lokali qed ta' kulljum jagħmlu massakru mir-residenti tagħna u anke minn dawk in-nies li jiġu jżurunha billi qegħdin bla ħniena joħorgu ċitazzjonijiet bl-addoċċ ħafna drabi fuq kontravenzjonijiet għax sempliċiment wieħed jirfes sinjal isfar. Dawn bla ma qed jikkunsidraw li Marsaskala huwa villaġġ turistiku mgħammar b'diversi stabbilimenti ta' ikel u xorb. B'konsegwenza ta' dan ħafna residenti ma jsibux fejn jipparkjaw allura mar-radd tas-salib filgħodu isibu xi '*ticket*' mal-'*windscreen*' tal-vettura".

Is-Sindku spjega kif fl-ebda ħin mhu qed jipprova jgħati l-impressjoni li ma jridx il-buon ordni fil-Lokal izda hu flimkien mal-Kunsill qiegħdin hawn biex jissalvagwardjaw il-popolin Skalin u mhux biex iħallu gwardjani Lokali jagħmlu massakru billi jagħtu ċitazzjonijiet bladdoċċ u bla ħniena lir-residenti tagħna. Hu zied jgħid illi jippreferi li kieku l-gwardjani Lokali jagħmlu xogħol izjed utili u bis-sens u joqgħodu ħafna izjed attenti għal dawk li jiksru il-ligi ambjentali.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda lis-Sindku u żied jgħid illi anke hu personalment ra wardens li taw ċitazzjonijiet bla ħniena.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi filwaqt li jifhem il-pożiżżjoni tas-Sindku irridu noqgħodu attenti kif ser jasal il-messaġġ mar-residenti, għaliex ikun hawn minn jabbuża u min-naħa tiegħu *jissuġerixxi illi jiġu mnaqqsa id-double yellow lines mil-Lokalita'*. Il-Kunsillier L Ciantar issuġerixxa li minflok ma jiġu xejn, jiġu wara id-0900 u jieqfu fit-2000.

Is-Sindku spjega li d-double yellow lines diġa ġew imnaqqsa mil-Lokal, nistgħu forsi nissuġerixxu li l-Gwardjani Lokali jiġu wara l-10:00 ta' filgħodu u mhux qabel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk naqblu fil-prinċipju li l-attitudni tal-wardens mhijiex waħda tajba allura ma jarax x'inhi id-differenza li tbiddel il-ħinijiet li jiġu ġewwa il-Lokal u jħoss illi jkun aħjar li kieku ma jiġu xejn.

Sar qbil unanimu illi nibgħatu ittra lill-President tar-Reġjun flimkien mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali illi m'aħniex kuntenti bis-servizz illi qed jingħata u għaldaqstant nixtiequ illi ma nibqgħux nirċievu s-servizz tal-wardens fil-Lokal tagħna.

7.5 **Mozzjoni mressqa b'urġenza mill-Kunsillier- is-Sur Lawrence Ciantar (#096):**

*"Jipproponi illi l-laqgħa tal-Kunsill tibda issir kull 4 ġimgħat għaliex iħoss li l-laqgħa tal-Kunsill qiegħda tkun twila wisq."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

8.0 ***Informazzjoni mill-Kunsilliera:***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-minuti tal-laqgħa annwali ra illi kien hemm resident li staqsa fuq il-bini tal-iskola li ser isir fi Triq Patri Wistin Born k/m Triq il-Lampuka u s-Sindku qal illi ser issir diskussjoni aktar il-quddiem, kompla jgħid illi l-applikazzjoni tal-bini diġa għalqet u allura mhux ser ikun hemm aktar diskussjonijiet.

Is-Sindku qal li ltaqa mar-rappreżentanti min naħa tal-Fondazzjoni għall-iskejjel t'għada fejn ġew diskussi l-pjanti relattivi u kien sar qbil li apparti li ma jkunx hemm inkonvenjent għar-residenti tal-madwar u li peress illi l-binja kien ser ikollha 50 parkeġġ għal użu tal-għalliema, il-parkeġġ ma jingħalaqx bil-lejl biex jintuża mir-residenti tal-madwar, ġie diskuss ukoll biex il-binja tirtira il-ġewwa ħalli jkun hemm spazzju biżżejjed għall-parkeġġ tar-residenti.

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa jekk hux qed isiru korsijiet tal-lingwa Maltija għal barranin ġewwa l-Lokal ta' Marsaskala.

Is-Segretarju Ezekuttiv irrisponda illi kull sena jkollna korsijiet ta dan it-tip.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri informa lill-Kunsill illi qiegħed jiġbor Sotto Kumitat tal-Ambjent li flimkien miegħu ser ikun hemm is-Sur Ryan Portelli,Is-Sur Enzo Cachia kif ukoll is-Sur Simon Cutajar.

9.0 ***Aġġornament:***
*L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-21:49p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar* It-Tlieta 21 t'April 2015 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku